DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/570

tas-7 ta' April 2015

li tapprova l-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni tal-Estonja u l-Latvja

(notifikata bid-dokument C(2015) 2200)

(It-testi bl-Estonjan u bil-Latvjan biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda id-Direttiva 92/119/KEE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/60/KE tintroduċi l-miżuri minimi tal-Unjoni għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, fosthom dawk li għandhom jiġu applikati jekk tiġi kkonfermata l-preżenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ.

(2) Fl-2014, l-Estonja u l-Latvja kkonfermaw il-preżenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ u adottaw miżuri għall-kontroll tal-marda kif stipulat fid-Direttiva 2002/60/KE. Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE [2] ġiet stabbilita lista tal-Unjoni ta' żoni ta' riskju għoli biex jiġu stabbiliti l-miżuri xierqa għall-kontroll u biex ikun evitat it-tixrid tal-mard. Fil-Partijiet I, II, u III ta' dak l-Anness hemm lista taż-żoni fl-Estonja u fil-Latvja fejn se jiġu implimentati l-pjanijiet tal-eradikazzjoni.

(3) Fid-dawl tal-qagħda epidemjoloġika u f'konformità mad-Direttiva 2002/60/KE, l-Estonja u l-Latvja ppreżentaw lill-Kummissjoni l-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żoni kkonċernati rispettivi tagħhom.

(4) Il-Kummissjoni għarblet sew il-pjanijiet li ppreżentaw l-Estonja u l-Latvja u sabithom konformi mad-Direttiva 2002/60/KE.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjan ippreżentat mill-Estonja fil-11 ta' Diċembru 2014 għall-eradikazzjoni tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE huwa approvat.

Artikolu 2

Il-pjan ippreżentat mil-Latvja fis-26 ta' Settembru 2014 għall-eradikazzjoni tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fiż-żoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE huwa approvat.

Artikolu 3

L-Estonja u l-Latvja għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet imsemmija fl-Artikoli 1 u 2.

---

[1] ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja u lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni